**KUNSILL**
**TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 7 ta' Marzu 2011 (09.03)**
**(OR. en)**

**7299/11**

**COPEN 37**

**NOTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Rappreżentanza Permanenti Daniża |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Deċiżjoni Qafas 2008/977/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali |

Wara li kkunsidra l-Artikolu 29(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 dwar il-protezzjoni ta' data personali pproċessata fil-qafas tal-kooperazzjoni tal-pulizija u dik ġudizzjarja f'materji kriminali (2008/977/ĠAI), il-gvern Daniż jixtieq jiġbed l-attenzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u l-Kummissjoni għal dan li ġej:

[….]

**2. Informazzjoni dwar l-awtoritajiet ta' superviżjoni (ara l-Artikolu 25)**

Skont, fost l-oħrajn, l-Artikolu 29(2) tad-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u lill-Kummissjoni informazzjoni dwar l-awtoritajiet ta' superviżjoni msemmija fl-Artikolu 25 sa mhux aktar tard mis-27 ta' Novembru 2010.

Skont l-Artikolu 25(1) tad-Deċiżjoni Qafas, kull Stat Membru għandu jagħmel provvediment sabiex awtorità pubblika waħda jew aktar ikunu responsabbli biex jagħtu parir u jimmonitorjaw l-applikazzjoni fit-territorju tiegħu tad-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri skont din id-Deċiżjoni Qafas. Dawn l-awtoritajiet għandhom jaġixxu b'indipendenza sħiħa meta jwettqu l-funzjonijiet fdati lilhom.

Għal dak il-għan, id-Danimarka nnominat żewġ awtoritajiet pubbliċi skont l-Artikolu 25(1).

L-ipproċessar tad-data għall-amministrazzjoni pubblika għandu jkun issorveljat minn:

Datatilsynet
Borgergade 28, 5.
1300 Copenhagen K
www.datatilsynet.dk

L-ipproċessar tad-data għall-qrati għandu jkun issorveljat minn:

Domstolsstyrelsen
Store Kongensgade 1-3
1264 Copenhagen K
www.domstolsstyrelsen.dk

Barra minn hekk, dan ta' hawn fuq huwa skont id-dispożizzjonijiet fil-Kapitoli 16 u 17 tal-Liġi 429 tal-31 ta' Mejju 2000 dwar l-ipproċessar ta' data personali (b'emendi li saru aktar tard), li huma inklużi bħala annessi.

(Formula ta' għeluq)

Jeppe Tranholm-Mikkelsen
Ambaxxatur, Rappreżentant Permanenti